**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Russlan Cilia**

Kaz Numru: 471/2015

Illum 1 ta' Mazu 2016

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Russlan Cilia**, iben Ernest u Viiovika Prylog nee' Prylog Mur, imwieled Victoria fit-3 ta' Ottubru 1966, residenti fil-fond 'St. Joseph', Triq il-Municipju Ruman, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 43296(G), akkuzat talli nhar id-29 ta' Lulju 2015 ghall-habta ta' 21:30hrs fi Triq l-Imgarr, ix-Xewkija, Ghawdex saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAU456 tal-ghamla Hyundai;

1. minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtorita' ta' Transport ta' Malta;

2. u aktar talli saq il-vettura b'numru ta' registrazzjoni LAU456 tal-ghamla Hyundai minghajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta' dwar ir-riskji ghat-terzi peruni;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija timpedixxi milli jkollu jew jottjeni l-licenzja tas-sewqan ghall-perijodu li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

Semghet sottomissjonijiet finali.

**Decide**

Il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni peress li ma tirrizultax, issibu hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u wara li rat l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghall-perijodu ta' tliet (3) xhur prigunerija effettivi u skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal tmint (8) ijiem li jibdew jiddekorru minn nofsillejl u minuta ta' ghada (00:01a.m.).

---

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**